**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Joseph Portelli**

Illum 16 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Portelli iben Francis u Mary xebba Spiteri li joqghod 'Samara', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 440469 M) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel is-7 t' Awissu 2000 bhala proprjetarju tal-fond 'Samara', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq ma jaccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal hmistax-il lira Maltin (Lm15).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2001;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza bl-aggravju biss tal-mezz stante li l-aggravju tal-valur ma jirrizulax;

Wara li rat l-Artikoli 263 u 278 tal-Kap 9;

Wara li rat il-Fedina Penali ta' l-imputat;

Tilliberah taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum;

Tobbligah ihallas lill-korporazzjoni EneMalta l-ammont pretiz minnha fi zmien tliet xhur mill-lum;

Tobbligah ukoll ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta esebita f'dan il-process.

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur